32005D0902

L 328/60 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 15.12.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-12 ta' Diċembru 2005

## li tistabbilixxi l-ordni ta' l-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill

(2005/902/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 203 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u, b'mod partikolari t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 116 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(1) tiegħu;

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni 95/2/KE, Euratom, KEFA ([1]), il-Kunsill stabbilixxa l-ordni ta' l-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill għall-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea mid-data ta' l-ewwel ta' 1 Jannar 1995.

(2) Fl-1 ta' Mejju 2004 għaxar Stati Membri ġodda aderew ma' l-Unjoni Ewropea,

(3) Jaqbel għaldaqstant li tiġi prevista l-ordni ta' l-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill, bl-inklużjoni ta' dawn l-Istati Membri l-ġodda,

(4) Din id-Deċiżjoni tiġi adottata mingħajr preġudizzju għall-adattamenti ta' l-ordni ta' l-eżercizzju tal-Presidenza li l-Kunsill sejjer jadotta wara l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. L-ordni li fiha l-Istati Membri huma msejħa jeżerċitaw il-Presidenza tal-Kunsill mill-1 ta' Jannar 2006 'il quddiem hi stabbilita fl-Anness.

2. Il-Kunsill, li jaġixxi b'unanimità fuq proposta ta' l-Istati Membri konċernati, jista' jiddeċiedi li Stat Membru jeżerċita l-Presidenza matul perijodu ieħor li mhux dak li jirriżulta mill-ordni stabbilita fl-Anness.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett fl-1 ta' Jannar 2006.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Magħmula fi Brussell, nhar it-12 ta' Diċembru 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. STRAW

---

([1]) ĠU L 1, 1.1.1995, p. 220. Deċiżjoni emendata mid-Deċiżjoni 2002/105/KE, KEFA, Euratom (ĠU L 39, 9.2.2002, p. 17).

*ANNESS*

| | | |
|---|---|---|
| Awstrija | Jannar-Ġunju | 2006 |
| Finlandja | Lulju-Diċembru | 2006 |
| Ġermanja | Jannar-Ġunju | 2007 |
| Portugall | Lulju-Diċembru | 2007 |
| Slovenja | Jannar-Ġunju | 2008 |
| Franza | Lulju-Diċembru | 2008 |
| Repubblika Ċeka | Jannar-Ġunju | 2009 |
| Żvezja | Lulju-Diċembru | 2009 |
| Spanja | Jannar-Ġunju | 2010 |
| Belġju | Lulju-Diċembru | 2010 |
| Ungerija | Jannar-Ġunju | 2011 |
| Polonja | Lulju-Diċembru | 2011 |
| Danimarka | Jannar-Ġunju | 2012 |
| Ċipru | Lulju-Diċembru | 2012 |
| Irlanda | Jannar-Ġunju | 2013 |
| Litwanja | Lulju-Diċembru | 2013 |
| Greċja | Jannar-Ġunju | 2014 |
| Italja | Lulju-Diċembru | 2014 |
| Latvja | Jannar-Ġunju | 2015 |
| Lussemburgu | Lulju-Diċembru | 2015 |
| Olanda | Jannar-Ġunju | 2016 |
| Slovakkja | Lulju-Diċembru | 2016 |
| Malta | Jannar-Ġunju | 2017 |
| Renju Unit | Lulju-Diċembru | 2017 |
| Estonja | Jannar-Ġunju | 2018 |